# PROCEDURA EWROPEA GHAL TALBIET ZGHAR

# Gudikatur: Dr Graziella Bezzina LL.D.

**Nhar it-Tlieta 3 ta' April, 2012**

**Talba Nru: 4/11GB**

**Tania Bonnici**

**vs**

**Ryanair Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet lis-socjeta' konvenuta thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tletin Euro u tliet centezmi (€ 230.03), ammont dovut stante illi l-attrici kellha biljett tas-safar ghal 25 ta' Awissu 2011 (Dok. TB), pero' ma setatx issiefer minhabba ugigh muskolari kif inhu ndikat mic-certifikat tat-tabib (Dok. TB1). *Check in* ma sarx u Ryanair customer care UK qalulha li jekk *check in* jkun ghadu ma sarx rifuzjoni tkun tista' tinghata. Pero' qatt ma nghatat xejn.

Bl-imghax legali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-ittra datata 21 ta' Novembru 2011, li in forza taghha s-socjeta' konvenuta nformat lir-Registratur tal-Qorti illi wettqet il-hlas lill-attrici tas-sorte minnha pretiz in forza ta' din l-azzjoni.

Ra n-nota li giet ipprezentata mill-attrici datata 23 ta' Jannar 2012, li permezz taghha pprezentat kopja ta' e-mail datata 16 ta' Dicembru 2011, li in forza taghha informat lis-socjeta' konvenuta illi l-kawza ser tigi ceduta ladarba jigi mwettaq il-hlas tal-ispejjez tal-kawza, debitament intaxxati.

Ra li b'segwitu ta' din l-e mail is-socjeta' konvenuta ma kkomunikatx ulterjorment mar-Registratur tal-Qorti, stante li ma tirrizulta ebda korrispondenza ulterjuri mill-istess socjeta' konvenuta.

Ikkunsidra,

Illi galadarba s-socjeta' konvenuta wettqet il-hlas tas-sorte lill-attrici **wara** li gew intavolati l-proceduri odjerni, allura l-istess attrici ghandha tinghata wkoll refuzjoni tal-ispejjez minnha inkorsi sabiex ipproponiet din l-azzjoni.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba tal-attrici, jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attrici l-ispejjez ta' din l-istanza.

**Graziella Bezzina LL.D.**
**Gudikatur**